**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **30 TA' APRIL 2017**

## Jum il-Karità

Fl-okkażjoni ta' ***Jum il-Karita fid-Djoċesi tagħna*****,** illum issir il-ġabra fil-knejjes kollha ta' Malta għad-djar li tmexxi l-Knisja f'pajjiżna fosthom djar għat-tfal, għall-anzjani, għal dawk bi bżonnijiet speċjali, għar-rijabilitazzjoni mid-drogi u oħrajn. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

## San Ġużepp Ħaddiem

It-Tnejn 1 ta' Mejju 2017 hija l-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Il-Quddies ikun bħal dak ta' fost il-ġimgħa u fil-Quddiesa tat-6:30pm isir it-tberik tal-għodda.

## Tberik tal-Familji

It-tberik tal-familji hija okkażżjoni sabiħa fejn is-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

## It-Tnejn 1 ta' Mejju 2017

Triq il-Bajja, Triq San Nikola, Triq Santa Marija u Triq l-Għawwiema

## It-Tlieta 2 ta' Mejju 2017

Triq l-Għaġuza, Triq Għar ix-Xama, Triq is-Sdieri, Triq il-Blajjiet (il-Parti t-isfel li tmiss ma' Triq iż-Żonqor) u Triq il-Bajda u s-Sewda

## L-Erbgħa 3 ta' Mejju 2017

Triq l-Imriekeb

## Il-Ġimgħa 5 ta' Mejju 2017

Il-Lay Lay Complex u Triq Vittorio Cassar

## *Coffee Morning*

Il-Ħamis 4 ta' Mejju 2017 fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fid-9.00am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

## L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar

Il-Ġimgħa 5 ta' Mejju 2017 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:30pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Relikwa ta' San Ġorġ Preca**

Is-Sibt 6 u l-Ħadd 7 ta' Mejju 2017 ser ikollna fostna r-relikwa ta' San Ġorġ Preca. Fl-4:00pm ir-relikwa tasal il-Museum tal-Bniet għall-mument ta' talb flimkien fejn ser nitolbu għall-ħutna l-morda bis-sehem tal-Hospice Moviment. Fil-5:00pm ir-relikwa tasal il-Knisja Parrokkjali fejn tkun fostna l-kumplament tas-Sibt u l-Ħadd.

***Eurovision Night Buffet Dinner***

Is-Sibt 13 ta' Mejju 2017 mit-8:00pm 'il quddiem ser issir ikla *buffet* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Mejju 2017. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.